22003D0011

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 11/2003

tal-31 ta' Jannar 2003

li temenda l-Anness VI (Sigurtà Soċjali) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jirranġa l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed "il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,"

Billi:

(1) L-Anness VI tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru No 55/2002 tal-31 ta' Mejju 2002 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiv tal-Komunitajiet Ewropej dwar is-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema Migranti Nru 179 tat-18 ta' April 2000 dwar il-mudelli tal-formoli meħtieġa għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 u (KEE) Nru 574/72 (E 111, E 111 B, E 113 sa E 118 u E 125 sa E 127) ([2]) għandha ssir parti mill-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 3.39 (Deċiżjoni Nru 153) ta' l-Anness VI tal-Ftehim:

"– **32002 D 0154**: Deċiżjoni Nru 179 tat-18 ta' April 2000 (E 111, E 111 B, E 113 sa E 118 u E 125 sa E 127) (ĠU L 54, tal-25.2.2002, p. 1)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni Nru 179 fl-ilsna Islandiż u Norveġiż, li għandhom jiġu ippubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom jkunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2003, bil-kondizzjoni li n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim intbagħtu lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 238, tal-5.9.2002, p. 16.
([2]) ĠU L 54, tal-25.2.2002, p. 1.
(*) Ebda ħtieġijiet kostituzzjonali indikati

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ippubblikata fit-Taqsima ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE li jinsabu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, fil-31 ta' Jannar 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND